KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 79

Id-disgħa u sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 21 ta' Frar 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kristian Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | | |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.05 b'din l-Agenda:*

*79.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 77 u 78;*
*79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*79.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*79.5 Rapporti ;*
*79.6 Request for scheduling – Officers Mess;*
*79.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitat;*
*79.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*79.9 Mozzjonijiet ;*
*79.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 79.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

79.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier D. Muscat biex jiġi skuzat min din il-laqgħa. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Muscat jigi registrat bhala Assenti b'Apologija.

## 79.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 77 U 78

79.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 77 tas-seduta tat-23 ta' Jannar kif ukoll 78 tas-seduta tat-13 ta' Frar, 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

79.2.2 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 77 u 78. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 77_23/01/2018 u 78_13/02/2018*

## 79.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

79.3.1 Is-Sindku fakkar li għad irid jiltaqa l-kumitat għat-Tizjin tal-Milied għall-aħħar ta' din is-sena li ġie ffurmat fl-aħħar seduta. *Kumitat Tizjin tal-Milied 2018*

79.3.2 Is-Sindku irrefera għall-laqgħa annwali li saret fil-Knisja Anglikana nhar is-26 ta' Jannar 2018. Kien hemm qbil li din kienet waħda tajba u ntlaqtgħet pozittivament mir-residenti. *Laqgħa Annwali 2018*

79.3.3 Il-Kunsill ġie infurmat dwar is-*Sliema Arts Festival*, li ġew approvati Ewro 11,000 ghall-ewwel sena mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali mill-fond tal-Attivitajiet Kulturali *2018-2020.* Dawn il-fondi huma *SAF*

marbuta ma' numru ta' kundizzjonijiet. Il-Kunsill ġie imfakkar li fis-sena 2016 meta l-Kunsill prova jkun rett u javza li ser ibiddel parti mill-programm artistiku, xorta wahda tnaqqsu l-fondi. Is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsillier P. Portelli spjegaw kif ser ikollna bzonn hafna aktar *sponsors* sabiex din l-attivita ssir skond il-programm propost u f'dan il-perjodu diġa qegħdin tard biex niġbru *sponsors*. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Onor. Owen Bonnici. Il-Kunsill għadu jrid jara jekk dan il-*festival* hux possibbli li jsir din is-sena jew inkella l-fondi jiġu posposti għas-sentejn li ġejjin.

79.3.4 Is-Sindku irrefera għall-pubblikazzjonij li ħarġet ta' *Sliema Times*. Is-Sindku qal li kellu *feedback* tajjeb dwar din l-gazetta. Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi kummenti min-naħa tagħhom. Il-Kunsill ġie mfakkar li kienet saret decizjoni li jkun hemm membri tal-Kunsill b'rapprezentanza miz-zewġ partiti fejn jiġu dikussli l-artikoli tal-Kunsill qabel ma jintbgħatu lit-*Times of Malta*. Minkejja dan kollhu, s-Sindku qal li l-Kunsill għadu ma ġiex avviċinat jekk hux se ssir it-tieni pubblikazzjoni. Kien hemm qbil li jekk l-Kunsill jiġi avviċinat, tintbghat email biex jigi deciz min ser jikteb l-artikolu biex eventwalment jigi approvat mill-Bord. *Pubblikazzjoni – Sliema Times*

79.3.5 Kien hemm qbil dwar l-aħħar deċizjoni li ttieħdet li l-*Hands On School of Film Makers* juzaw ix-xelter li jinsab fi Triq Dingli biex isir dokumentarju dwar ix-xelter. Kien hemm qbil li għandu jsir *coordination meeting* ma' l-iskola msemmija, St. John Ambulance, min se jipprovdi l-*bowser* flimkien mal-Kunsilliera li kienu urew ix-xewqa li jkunu prezenti. Dawn huma s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera P. Portelli, D. Muscat u J. Pillow. Madankollu l-kunsilliera kollha għandhom jiġu infurmati bid-data meta tiġi stabbilita. *Xelter – Triq Dingli*

79.3.6 Is-Sindku irrefera għal kampanja ta' *traffic safety* fil-lokalita. Is-Sindku informa li l-Kunsill għadda l-kwotazzjoni tal-affarijiet meħtieġa lill-kumpanija *Maphre Insurance* fejn dawn qegħdin jikkonsultaw mal-kumpanija tagħhom barra minn Malta. *Traffic safety campaign*

79.3.7 Is-Sindku informa li dwar it-*twinning* għaddeja komunikazzjoni ma' Bialystok. Il-Kunsillier D. Muscat qiegħed jieħu ħsieb dan. Il-Viċi Sindku qal li tajjeb jekk insaqsu jekk hemmx xi benefiċċji li jistgħu jiggwadanjaw ir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan. *Twinning Bialystok*

79.3.8 Is-Sindku informa dwar il-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn qal li l-Kunsill iltaqa mal-Water Services Corporation, Enemalta, Transport Malta, Kunsill Lokali tal-Gzira, Ministeru tat-Turizmu. Gie deċiz li x-xogħol se jibda minn Tas-Sliema u jkompli għall-Gzira. Ix-xogħol se jibda mit-2 t' April 2018 u se jdum madwar erbgha ġimgħat. Se jingħata konkos temporanju fuq it-trinka biss. Jidher li se jkun hemm koordinament mall-*Maritime Section* ta' Transport Malta hekk kif ukoll mal-Ministeru tat-Turizmu sabiex umbghad il-*promenade* tinghata wicc gdid tal-madum kif jixirqilha. *Xogħlijiet fit-toroq ix-Xatt*

79.3.9 Dwar Triq Guze Howard il-Kunsill ġie infurmat li ġejna avviċinati mid-*Drainage Section* li jista jkun li tkun trid tinbidel il-katusa tad-drenaġġ. Il-Kunsill għad irid jirċievi jekk din għandhiex bzonn li tinbiddel jew le wara li jkun għamlu xi testijiet bis-CCTV. *Triq Guze Howard*

79.3.10 Is-Sindku irrefera għall-punt 77.9.2 dwar il-proċedura l-ġdida tal-aġġudikazzjoni tat-tenders. Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għat-tender tal-*Accountancy Services* fejn informa li rrizulta li s-Sindku ma jistghax ikun *voting member* u ghaldaqstant, is-Sindku ghandu jkun non-voting *Chairman* tal-Bord. *Proċedura ġdida tat-tenders*

79.3.11 Il-Viċi Sindku qal li din il-proċedura ma tagħmilx sens meta l-Kunsill iħallas għal dawn is-servizzi ta' evalwazzjoni mill-membr esterni tal-Bord, u ma jkunx parti mill-bord għall-evalwazzjoni ta' tenders u jrid joqgħod fuq il-membri tal-bord li m'humiex kunsilliera. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hu ukoll jaħseb li din mhiex deċizjoni xierqa li l-Kunsilliera ma jistgħux ikunu membri fil-bord, u qal li l-Kunsill imissu jiddiskuti dan is-suġġett mal-AKL. Kien hemm qbil dwar dan, kif ukoll il-Kunsill għandu jressaq dan il-punt lis-Segretarju Parlamanteri Silvio Parnis.

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-18.44*

79.3.12 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li f'dan il-kaz il-Kunsill qiegħed izid l-ispejjez għax ikun irid iħallas zejjed lil dawn il-membri tal-bord. Is-Sindku qal li ukoll li din is-sistema qegħda tneħħi l-integrita u tiddubita mill-kapaċitajiet tal-Kunsilliera.

79.3.13 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għall-approvazzjoni li-Sur Anthony Attard li huwa d-Deputat Segretarju tal-Kunsill stess biex ikun fil-bord flimkien mas-Sur Mario Farrugia u Dott. Larry Formosa. Kien

hemm qbil dwar dan.

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-18.50 għas-seduta.*

79.3.14 Is-Sindku qal li d-deċizjoni għall-għazla tal-*accountancy services* ma tistax tittieħed illum peress li l-evalwazzjoni ghada ma gietx konkluza u qal li ser ssir seduta oħra l-ġimgħa d-dieħla wara li jkun rega iltaqa' l-bord u evalwa l-offerti kollha. Kien hemm qbil dwar dan, u d-data se tiġi deċiza aktar tard.

79.3.15 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li hemm ukoll it-tender tal-*Waste Management*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għad irridu nirċievu komunikazzjoni mid-DLG jista jkun minħabba l-iskart organiku. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li f'dan l-istadju, peress li l-Kunsilliera ma jistgħux ikunu parti mil-bord, il-Kunsill irid joqgħod aktar attent biex iħejji l-kriterji biex meta l-bord jiġi biex jevalwa l-offerti, ikun jista jimxi mat-talbiet tal-Kunsill. *Waste Management tender*

*Kien hemm qbil li jiġu posposti items 79.4 u 79.5*

**79.6 REQUEST FOR SCHEDULING – OFFICERS MESS**

79.6.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għat-talba għall-iskedar tal-*Officers Mess* għaliex il-Kunsill baqa ma' rċeviex risposta. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jibgħat *reminder* lil CEO tal-MEPA dwar dan.

**79.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

79.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għall-approvazzjoni diskussjoni tal-Bord dwar l-Izvilupp f'Tas-Sliema biex il-Kunsill jdahhal ir-rakkomandazzjonijeit tieghu dwar l-*Environemntal Planning Statement* tal-Highrise Hotel ta' Fort Cambridge. Kien hem qbil dwar dan.

Il-Bord qed jiproponi ukoll li l-Kunsill jappella għall-izviluppi ta' *The Cloisters* fi Triq Mrabat, *Green House* fi Triq Santa Marija u fuq propjeta ohra fi Triq Windsor li ma dahhlits *refuse room* fil-pjanijiet taghha. Kien hemm qbil dwar dan.

P Radmilli informa li jekk il-Kunsill jirbaħ dawn l-appelli l-Kunsill

jirċievi l-flus lura tal-appelli li jkun ħallas.

Il-Vici Sindku propona biex issir talba uffiċċjali lil *Executive Chairman* tal-PA, Johann Buttigieg, biex il-fond tal-UDF ikun jista jintuza ukoll sabiex isiru hlasijiet tal-appelli mal-EPRT.

Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar ukoll li jekk l-fondi ma jiġux lura, dawn ikollhom joħorġu min *budgets* ohra tal-Kunsill. Kien hemm qbil.

**79.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

79.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għall-pagament tal-ġbir tal-iskart u informa li l-*contracts manager* bagħat rapport dwar in-nuqqasijiet li qegħdin isiru min-naħa tal-kuntrattur kemm tal-iskart kif ukoll tat-tindif tal-lattrini u tal-manutenzjoni tal-gonna. Kien hemm qbil li dan ir-rapport jintbgħat lill-Kunsilliera kollha permezz ta' email. Sadanittant kien hemm qbil ukoll li jinzamm il-pagament numru 40 dwar il-ġbir ta' skart tax-xahar ta' Jannar, 2018 sakemm jiġi diskuss r-rapport tal-*contracts manager.* Kien hemm qbil ukol li dan jiġi diskuss fis-seduta li ssir il-ġimgħa d-dieħla. *Rapport ta' contracts manager*

79.8.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 14 dwar id-diskrepanza mill-kont ta' Ottubru u Novembru 2017 u dak ta' Jannar 2018. Il-pagament ġie mressaq dak il-ħin u ġie nnotat li kien hemm deskrizzjoni nieqsa għaliex f'Ottubru inxtara *tyre* ġdid kif ukoll *wipers* ghall-van tal-Kunsill. Kien hemm qbil li din tizdied fid-deskrizzjoni fl-iskeda tal-pagamenti. *Fuel*

79.8.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 23 dwar *cash in transit services* u rrimarka għaliex il-Kunsill ilu għal zmien jiġbor flus ta' kumpaniji oħra mingħajr m'għandu ebda kumpens. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiddiskuti dan flimkien mal-AKL. *Cash in transi*

79.8.4 Saret diskussjoni dwar il-bozoz li jittranġaw mill-Mica Med u li jridu jiġu ċċertifikati mlil-Med Developers. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jibqghax juza s-servizz tal-Med Developers. La darba jkollna s-servizz tal-*contracts* manager gdid, dan ix-xogħol ta' contract manager jiġi inkluz f'kuntratt wieħed. Sar qbil ukoll li jiltaqa' l-Bord sabiex jinħareġ il-kuntratt il-ġdid tal-*contracts manager*. Is- *Bozoz*

Segretarju Ezekuttiv fakkar li skont il-liġi it-*tender* tal-manutenzjoni ta' dwal tat-toroq suppost jinħareġ mir-Reġjun.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 19.26*

79.8.5 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet. Il-Kunsilliera V. Galea Pace proponiet l-approvazzjoni. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil mill-Kunsill u l-pagamenti kollha (minbarra numru 40) ġew approvati. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**79.9 MOZZJONIJIET**

79.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**79.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

79.10.1 Is-seduta waqqfet fis-19.36 ta` filgħaxija. Is-Seduta ġiet posposta u se titkompla nhar il-Ħamis 1 ta' Marzu 2018 fis-7pm.

Minuti approvati llum 20 ta' Marzu, 2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |